TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Charlene Saliba Ciappara

vs

Agius Photo Studio - Vince Agius

CCT 29/17/MS

4 ta' Settembru 2017

It-Tribunal ra l-avvizipprezentat mir-rikorrenti fit-3 ta' Frar 2017 fejn talbet ir-rifuzjoi ta' €857.00, parti mill-prezz ta' pakkett ta' ritratti u DVD tat-tieg taghha li sehh fis-27 ta' Settembru 2008, liema ritratti ghalkemm ittiehdu waqt ir-riceviment, qatt ma gew konsenjati lir-rikorrenti.

Ra illi l-intimat Vince Agius debitament notifikat fis-7 ta' Frar 2017, baqa ma pprezenta l-ebda risposta u l-anqas ma deher quddiem dan it-Tribunal biex jaghti xi spjegazzjoni il-ghala r-ritratti ma gewx ikkonsenjati lir-rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema r-rikorrenti bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi irrizulta mill-provi illi r-rikorrenti kienet ikkuntrattat mal-konvenut sabiex dan jiehu r-ritratti tat-tieg taghha u minbarra r-ritratti jipprovdi wkoll DVD. Hija hallset depozitu ta' mitt lira Maltin (€233.00) ghall-pakkett partikolari li l-istess konvenut irreklama bi prezz totali ta' €1840.00. Dan is-servizz beda jinghata billi ittiehdu xi ritratti qabel it-tieg. Waqt it-tieg l-intimat qabbad persuna ohra biex jiehu r-ritratti (certu Pierre) u dawn fil-fatt ittiehdu. Meta r-rikorrenti talbet illi tara r-ritratti l-intimat dejjem kien igibilha xi skuza il-ghaliex dawn ir-ritratti ma kienux lesti sakemm fl-ahhar ir-rikorrenti insistiet li almenu tiehu d-DVD. Dan haditu fit-2009 u hallset is-somma ta' €750.00. Ir-ritratti baqghu mhux konsenjati u qatt ma rathom. L-iskuza kienet illi kien hemm nuqqas ta' qbil dwar xi hlas bejn l-intimat u Pierre u dan ta' l-ahhar kien qed izomm lura milli jikkonsenja r-ritratti mehuda. Dana sar bi pregudizzju ghal rikorrenti peress li minkejja li hallset it-depozitu u

somma sostanzjali ghal DVD, baqghet minghajr ritratti u l-pakkett li kkuntrattat ghalih baqa' mhux sodisfatt.

Ikkunsidra

Illi minghajr il-versjoni tal-intimat li lanqas indenja ruhu jirrispondi ghat-talba tar-rikorrenti it-Tribunal irrid bilfors joqghod fuq il-versjoni guramentata moghtija mir-rikorrenti. Il-fatti huma illi r-rikorrenti ikuntrattat mal-intimat sabiex dan tal-ahhar jipprovdi pakkett ta' servizzi fotografici fit-tieg tar-rikorrenti li sehh fis-27 ta' Settembru 2008. Ir-rabta saret bil-hlas ta' mitt lira depozitu. B'hekk l-intimat kien obbligat illi jipprovdi s-servizz minnu mwieghed versu l-prezz pattwit mar-rikorrenti. Minkejja li s-servizz beda' jinghata u ttiehdu r-ritratti kollha li kellhom jittiehdu waqt it-tieg u l-funzjoni, dan il-prodott finali li huwa l-qofol tal-obbligazzjoni kuntrattwali bejn ir-rikorrenti u l-intimat, baqghu ma gewx konsenjati lir-rikorrenti. Jekk l-intimat kellu xi problema mal-persuna li qabbad biex jiehu r-ritratt dina hija kwistjoni tieghu li fiha r-rikorrenti assolutament m'ghandhiex taqsam. Ir-rikorrenti kellha kull dritt illi tircievi r-ritratti li ttiehdu waqt it-tieg taghha u dawna qatt ma gew konsenjati lilha. L-unika haga li hadet hija DVD li ghaliha hallset prezz ferm esagerat ta' €750.00. It-Tribunal ihoss illi la l-intimat kien qed jidher li mhux ser jasal fl-obbligu kuntrattwali tieghu, l-attrici missha hallset ferm anqas ghal dan is-servizz. Tieg mhuwiex xi haga li jista' jirrepeti ruhu, almenu f'dak il-mument storiku illi gie celebrat u jekk tintilef l-okkazjoni li jigu zviluppati u konsenjati r- ritratti, din l-okkazjoni ma tergax tigi u r-rikorrenti tkun sofriet danni konsiderevoli minhabba dan in-nuqqas li ghalih zgur ma kontrubwiet l-ebda fattur. Kien nuqqas totali u assolut tal-intimat illi jikkompleta l-pakkett tas-servizz li kkuntratt ghalih u ttellef lir-rikorrenti minn opportunita' unika u irrepetibbli li jkollha rikordju komplet tat-tieg taghha. Minkejja illi r-rikorrenti effettivament ma hallsitx l-ammont kollu li qieghda titlob it-Tribunal jidhirlu li ghandu jilqa' t-talba tar-rikorrenti taht il-kappa ta' danni li hija sofriet ghar-ragunijiet fuq imsemmija. Barra minn dan jidhirlu wkoll li ghandha tiehu lura id-depozitu ta' mitt Lira ekwivalenti ghall-€233.00 stante n-nuqqas ta' adempjenza min-naha tal-intimat.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-intimat li jhallasha is-somma ta' €733.00, kwantu ghall-€500.00 - danni morali u €233.00 - depozitu mhallas ghas-servizz fuq imsemmi.

Bl-ispjjez kontra l-intimat.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbiter**